# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) INFERJURI

## MAGISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

### Seduta ta' nhar il-Hamis 14 ta' Gunju, 2001 .

### Avviz numru : 2/99G2(PC)

**Mary Grech .**

**vs**

**Ian Xuereb .**

**Il-Qorti,**

**Rat l-Avviz li permezz tieghu l-attrici talbet lill-konvenut jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannt li jhallas lill-attrici dik is-somma li tigi likwidata minn din l-Onorabbli Qorti, rapprezentanti d-danni minnha sofferti per konsegwenza tal-incident stradali illi sehh fit-tnax (12) ta' Marzu elf disa' mija u sebgha u disghin (1997) fi Triq Wied Sara, limiti tal-Ghasri, Ghawdex, bejn il-vettura tal-attrici bin-numru tar-registrazzjoni D-4706 u dik misjuqa mill-konvenut bin-numru tar-registrazzjoni I-0573, u dan previa d-dikjarazzjoni illi dan l-istess incident gara unikament tort tal-konvenut minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu .**

**Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni .**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut li eccepixxa illi :**

1. **It-talbiet attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt u dan ghaliex l-incident stradali msemmi gara unikament minhabba traskuragni, mperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' l-attrici .**

**Salvi eccezzjoni ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .**

**Rat id-digriet taghha tat-8 ta' Jannar 1999 fejn laqghet it-talba ta' l-attrici li l-provi f'din il-kawza u l-kawza dwar l-istess mertu Avviz 125/1998 fl-ismijiet inversi jinstemghu kontestwalment .**

**Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza, inkluzi l-verbali tax-xhieda prodotti u d-dokumenti esebiti .**

**Ikkunsidrat :**

**Illi permezz ta' din il-kawza l-attrici qed titlob dikjarazzjoni ta' responsabilita' tal-konvenut ghall-incident stradali li fih il-karozza taghha garrbet xi hsarat u l-kundanna ta' l-istess konvenut ghall-hlas tad-danni kkagunati .**

**L-incident mertu ta' din il-kawza gara filghodu fi Triq Wied Sara, li tiehu mir-Rabat ghall-Ghasri. L-attrici kienet ghaddejja ghat-telgha fid-direzzjoni ta' l-Ghasri, mentri l-konvenut kien gej mill-Ghasri fid-direzzjoni tar-Rabat . Il-kollizjoni sehhet proprju fil-kantuniera fit-telgha kif indikat fl-iskizz redatt mis-surgent Josephine Camilleri li marret fuq il-post ta' l-incident in segwitu ghall-habta (ara Dok. JC. 3 a fol. 26 tal-Process) .**

**Mill-okkorrenza relattiva jirrizulta illi *a tempo vergine* l-partijiet taw lis-surgent is-segwenti spjegazzjoni dwar l-incident mertu tal-kawza :**

**l-attrici stqarret illi "kienet qed issuq matul Wied Sara fit-telgha fid-direzzjoni ta' l-Ghasri meta fil-kantuniera tfaccat vettura ohra u baqghu dehlin f'xulxin" ;**

**il-konvenut stqarr "li hu kien qed isuq ghan-nizla f'Wied Sara fid-direzzjoni tar-Rabat, u fil-kantuniera tfaccat vettura quddiemu u zamm il-brake u baqghu dehlin f'xulxin" .**

**Fid-depozizzjoni taghhom il-partijiet sostanzjalment ikkonfermaw dak li kienu spjegaw lis-surgent . L-attrici ziedet illi mal-habta, inhasdet u erhiet il-brake, bil-konsegwenza li l-karozza taghha resqet lura kif jidher fuq l-iskizz . Il-konvenut da parti tieghu zied illi l-attrici qabdet u daret il-kantuniera minghajr ma daqqet il-*horn* .**

**Mill-iskizz esebit jirrizulta illi li *spot of impact* jindika illi l-habta sehhet proprju fin-nofs tat-tarf tal-parti d-dritta tat-triq mnejn kien gej il-konvenut . Dik il-parti tat-triq hija dejqa u ma tippermettix illi jghaddu zewg vetturi ma' gemb xulxin mnejn kien gej il-konvenut, sakemm wiehed ma jghaddix minn fuq il-haxix fil-gemb tat-triq indikat ukoll fuq l-iskizz, haga li ma jidhirx li l-attrici kienet ser taghmel meta saret il-habta . L-iskizz jindika wkoll illi l-vettura misjuqa mill-konvenut halliet *brake marks* qosra, 1.5 metres mir-rota ta' quddiem u 0.60 metres mir-rota ta' wara .**

**F'dawn ic-cirkostanzi jista' jinghad illi kien hemm nuqqasijiet da parti taz-zewg sewwieqa u li t-tnejn kemm huma kkontribwew b'xi mod ghal dan l-incident stradali . Il-konfigurazzjoni partikolari ta' dik il-parti tat-triq kienet tirrikjedi attenzjoni u prudenza massima miz-zewg nahat . Il-habta grat f'kantuniera ghat-telgha ghal min ikun gej mid-direzzjoni tar-Rabat . Ma jidhirx illi l-attrici kienet qed issuq b'xi 'velocita', imma fi 'blind-corner' bhal dik, izjed u izjed billi**

**kienet diehla f'parti tat-triq fejn kienet tidjieq sew, tant li ma tippermettix zewg vetturi jghaddu fejn xulxin, l-attrici setghet kienet aktar prudenti, daqqet il-*horn*, u zammet kemm jista' jkun lejn ix-xellug taghha, anke jekk b'daqshekk kienet ser tirfes fuq il-haxix li**

**kien hemm fil-gemb tat-triq . Minn naha l-ohra jidher illi l-konvenut li kien gej ghan-nizla, ghalkemm veru li sab il-karozza ta' l-attrici ma' wiccu, setgha evita l-habta jew ta' l-inqas naqqas l-impatt tad-daqqa kieku kien ghaddej b'anqas velocita' u daqq il-*horn* ukoll, kif kien qed joqrob il-kantuniera . Ghalkemm is-sinjali mhollija mill-*brakes* tieghu huma qosra, dan mhux necessarjament jindika li kien ghaddej bi *speed* baxx hafna, imma x'aktarx ghaliex l-attrici tfaccatlu f'daqqa u ma kellux cans jibbrejkja qabel . Il-hsarat konsiderevoli fil-karozza ta' l-attrici jindikaw illi d-daqqa li rceviet kienet piuttost qawwija . Dan ukoll seta' ikkontribwixxa ghall-fatt li l-karozza ta' l-attrici resqet daqstant lura mal-habta .**

**Ghal dawn il-motivi, hija l-fehma ta' din il-Qorti illi ghall-kollizjoni mertu ta' din il-kawza jahtu z-zewg partijiet ndaqs . L-attrici pprezentat seba' dokumenti mmarkati minn "Dok. MG 1" sa "Dok. MG 7" sabiex tipprova l-ammont ta' danni kkagunati fil-karozza taghha konsegwenza ta' din il-habta . Dawn il-kontijiet fis-somma totali ta' Lm759.28 bl-ebda mod ma gew ikkontestati mill-konvenut, u l-Qorti ma tara ebda raguni ghaliex m'ghandhiex taccettahom bhala li verament jirrapprezentaw it-tiswijiet mehtiega fuq il-vettura ta' l-attrici in segwitu ghal din il-habta .**

**Ghal dawn il-motivi, tiddecidi l-kawza billi tiddikjara lill-partijiet ugwalment responsabbli ghall-incident stradali mertu ta din il-kawza, u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici is-somma ta' tliet mija disa' u sebghin lira maltija u erba' u sittin centezmu (Lm379.64) in linea ta' danni likwidati bhala n-nofs l-ispejjez inkorsi mill-attrici sabiex sewwiet il-karozza taghha in segwitu ghall-istess kollizjoni .**

**L-ispejjez tal-kawza ghandhom jigu ssoportati ugwalment bejn il-kontendenti .**

**(ft) Paul Coppini**
**Magistrat .**
**(ft) Francis Attard**
**Deputat Registratur .**

**Vera Kopja**

**Ghar-Registratur .**

Si299Pc